31995D0570

L 324/26 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 30.12.1995

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-18 ta' Diċembru 1995
## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Peru dwar prekursuri u sustanzi kimiċi użati ta' spiss fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi

(95/570/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 113 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2), u l-Artikolu 228(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi, fil-25 ta' Settembru 1995, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, f'isem il-Komunità, ftehim dwar il-kontroll ta' prekursuri u sustanzi kimiċi ma' l-Istati Membri ta' l-Organizzazzjoni ta' Stati Amerikani, u bħala prijorita mal-Pajjiżi Membri tal-Ftehim ta' Kartagena; billi l-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' din l-awtorizzazzjoni, temmet negozjati mar-Repubblika tal-Peru fit-13 ta' Novembru 1995;

Billi huwa xieraq ilii l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Peru dwar prekursuri u sustanzi kimiċi użati ta' spiss fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi għandu jkun approvat;

Billi huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, tapprova modifikazzjonijiet f'isem il-Komunità fejn il-Ftehim jipprovdi għalihom li jkunu adottati mill-Grupp ta' *Follow-Up* Konġunt; billi, awtorizzazzjoni tali għandha tkun limitata għall-modifikazzjoni ta' l-Annessi mal-Ftehim safejn tikkonċerna sustanzi diġa koperti b'leġislazzjoni tal-Komunità dwar prekursuri u sustanzi kimiċi,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Peru dwar prekursuri u sustanzi kimiċi użati ta' spiss fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi huwa approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna bis-setgħa li jiffirma l-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jiddepożita l-istrument li jipprovdi għalih l-Artikolu 12 tal-Ftehim ([1]).

*Artikolu 4*

1. Il-Komunità għandha tkun irrappreżentata fil-Grupp ta' *Follow-Up* Konġunt li jipprovdi għalih l-Artikolu 9 tal-Ftehim mill-Kummissjoni, megħjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova, f'isem il-Komunità, modifikazzjonijiet għall-Annessi mal-Ftehim adottati mill Grupp ta' *Follow-Up* Konġunt permezz tal-proċedura preskritta fl-Artikolu 10 tal-Ftehim. Il-Kummissjoni għanda tkun megħjuna f'dan ix-xogħol b'kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill u nkarigat bl-istabbiliment ta' pożizzjoni komuni.

3. L-awtorizzazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 2 għandha tkun limitata għal dawk is-sustanzi li huma diġa koperti mil-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità dwar prekursuri u sustanzi kimiċi.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1995.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.